MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 99

20 ta' Awwissu 2018

Minuti tas-seduta Nru. 99 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 20 ta' Awwissu 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li permezz ta' imejl datat 14 ta' Awwissu 2018 għarraf li kien ser ikun imsiefer. Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 7.3. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-parkeġġ minnn kif ippjanat oriġinarjament għandu jiżdied b'żewġ sulari biex b'kollox ikun erba' livelli taħt wiċċ it-triq. Huwa ppropona wkoll li fil-laqgħa mal-Ministru għandhom jiġu diskussi aspetti oħra marbuta mal-estensjoni, bħalma huma l-librerija pubblika u l-użu tas-sala għall-benefiċċju tal-komunità.".*

1.3. Il-minuti taż-żewġ partijiet tas-seduta Nri. 97 tad-9 u t-23 ta' Lulju 2018, ġew approvati u ffirmati bl-emenda skont il-minuta 1.2. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Attivitajiet kulturali matul is-Sajf 2018 (A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XVI)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.10.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li kien hemm kummenti pożittivi dwar iż-żewġ attivitajiet imsemmija. Huwa rringrazzja lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini u l-impjegati kollha tal-Kunsill, kif ukoll dawk assenjati miegħu, fir-rigward

ta' Jum il-Kunsill u l-Iljieli Mellieħin, għall-inpenn li wrew biex dawn l-attivitajiet kienu suċċess f'dik li hija organizzazzjoni u kontenut tal-programm. Is-Sur J. Buttigieg irringrazzja wkoll lill-Kunsillieri J. Azzopardi, J. Attard u J. Gauci li ħadu ħsieb id-delegazzjonijiet minn Adenau u Agia Napa.

2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li bis-saħħa tal-Iljieli Melleħin, il-Kunsill rebaħ it-Tieni Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriżi li kien jammonta għal €6,000. Aċċennat ukoll li ser ikun hemm għotja ta' €3,000 taħt il-*Local Councils Cultural Fund 2018-2020* indirizzata għall-inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ", filwaqt li kien hemm għotja oħra ta' €700 mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fir-rigward tal-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ. L-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet li seħħew bejn Lulju u Awwissu 2018 sad-data tas-seduta kienu kważi ġew stabbiliti kollha u ressqet ir-rendikont li jidher hawn taħt:

| **Attività** | **Nefqa Attwali** | **Estimi** |
|---|---|---|
| L-Arti fil-Misraħ | €3,585 | €1,000 |
| Festa ta' Lejlet San Gwann tal-Ħġejjeġ | €4,852 | €4,800 |
| Jum il-Kunsill | €5,500 | €5,500 |
| Iljieli Melleħin | €35,300 | €35,000 |

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Festival Medjevali f'Agia Napa (K/1/5/4)

2.2.2. Is-Sur J. Buttigieg qal li waqt ż-żjara tiegħu f'Malta fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u l-Ijlieli Melleħin is-Sindku ta' Agia Napa – Yiannis Karousos – tenna l-istedina tiegħu għat-13-il Edizzjoni tal-Agia Napa *Medieval Festival* li ser iseħħ bejn it-13 u l-20 ta' Ottubru 2018.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Kors *"Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema"* (E/3/1/Vol IV)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 3.4.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-kors imsemmi li kellu jibda fit-18 ta' Lulju 2018, ġie pospost għal wara l-1 ta' Ottubru 2018.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Kampanja "*Pink October Campaign 2018*" (K/11)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li għall-*bike ride* li ser tibda minn Wied il-Għajn u tintemm f'Għawdex fis-7 ta' Ottubru 2018, jeħtieġ li jitħalla spazju riżervat sabiex tintrama tinda fit-Terminal taċ-Ċirkewwa u jsir ipparkjar biswit il-Paradise Bay Hotel fi Triq iċ-Ċirkewwa.

2.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan l-arranġament, sakemm ikun hemm il-kunsens ta' Transport Malta, billi ż-żewġ postijiet jaqgħu fir-responsabiltà tagħhom.

## 2.5.1. Programm ta' Attivitajiet tal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li l-attività li ser tittellgħa minn *ŻiguŻajg the International Art Festival for Children* bl-isem *Bodies in Urban Spaces,* hija pprogrammata għall-10 u l-11 ta' Novembru 2018 u ser isseħħ fil-Mellieħa f'post li għadu ma tħabbarx. Il-Kunsill kien wera nteress li jipparteċipa fiha.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Premju Anzjanità Attiva 2018** **(A/1/3)**

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 24 ta' Awwissu 2018, mibgħut s-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, fejn il-Kunsill ġie mistieden jinnomina persuni għall-premju msemmi skont il-kriterji indikati fl-istess korrispondenza.

2.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li jestendi din l-istedina lill-għaqdiet tal-Mellieħa u jagħtihom sas-7 ta' Settembru sabiex jgħaddu s-sottomissjonijiet tagħhom lura lis-Segretarjat tal-Kunsill, billi s-sejħa tagħlaq fl-14 ta' Settembru 2018.

**2.7.1. Riċikklar ta' tessuti** **(K/6/10/Vol III)**

2.7.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Awwissu 2018, mibgħuta minn Malta Textile Recycling, fejn ipproponew li jagħmlu ġbir bieb-bieb ta' tessuti, żraben u basktijiet wżati. Bħala alternattiva għal dan is-servizz MTR jipprovdu kontenituri fil-lokalità fejn jiġi ndikat lilhom mill-Kunsill. Is-Sindku aċċenna li dan is-servizz jingħata bla ħlas.

2.7.3. Kien hemm qbil li għandha tiġi addottata t-tieni proposta billi jitqiegħdu kontenituri fit-tliet postijiet differenti: (a) fi Triq Qasam Barrani qrib l-Iskola Primarja, (b) Misraħ il-Parroċċa fejn il-Knisja tal-Manikata, u (ċ) fi Triq l-Għerien qrib Ġnien il-Volontarjat. Il-Kunsill kien tal-fehma li tinħoloq konfużżjoni fost ir-residenti bl-introduzzjoni ta' ġabra oħra minn wara l-bibien.

**2.8.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018** **(F/5)**

2.8.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 18 ta' Lulju 2018 fejn saret stedina lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fil-Malta Book Fest 2018, li ser issir bejn is-7 u l-11 ta' Novembru 2018 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

2.8.3. Il-Kunsill innota approva l-ħlas ta' €240 għall-parteċipazzjoni f'dan l-avveniment.

**2.9.1. Sessjoni ta' qari għall-anzjani** **(A/1/1/Vol II)**

2.9.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li saret sessjoni ta' qari għall-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fit-2 ta' Awwissu 2018, liema attività issir minn żmien għal żmien wara li nbeda proġett pilota fl-2016. Is-Sur D. Vella qal li huwa attenda u għamel preżentazzjoni ta' pubblikazzjoni li saru mill-Kunsill sabiex jinżammu fil-librerija tad-dar.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Nominazzjoni għall-EPALE Awards** **(N/1/Vol II)**

2.10.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal stedina li saret permezz ta' imejl datat 25 ta' Lulju 2018 mid-Directorate for Research, Lifelong Learning and Employability fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi sabiex il-Kunsill jitfa' in-nomina tiegħu għall-*Electronic Platform for Adult Learning in Europe (EPALE) Awards 2018.* In-nomina tal-Kunsill ġiet sottomessa sad-data tal-għeluq li kienet il-31 ta' Lulju 2018.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Nuqqas ta' dawl fi taraġ ta' Triq Adenau** **(E/1/3/Vol IV)**

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.2.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa mar fuq il-post mal-kuntrattur responsabbli mid-dwal tat-toroq fejn ġew indikati l-postijiet fejn jeħtieġ li jsiru dwal tul it-taraġ kollu, kif ukoll t-tip ta' lampi li jistgħu jsiru skont. Ġie stabbilit li biex id-dawl ikun imqassam uniformi għandhom jitwaħħlu erba' lampi mal-ħajt fuq in-naħa tal-Pergola Club Hotel.

2.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tneħħija ta' siġar minn Triq Lewis Wettinger (T/3/3/Vol V)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għat-tneħħija ta' siġar tal-oleander fi Triq Lewis Wettinger bi dritt Triq Napuljun Caruana Dingli. Huwa qal li skont tagħrif mogħti minn Infrastrasture Malta ser issir *pelican crossing* għal min jeħtieġlu jaqsam għan-naħa l-oħra ta' din it-triq.

3.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Dewmien fil-ġbir ta' skart mit-toroq (C/6/Vol VI)

3.2.1. Il-Viċi Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li l-kolletturi tal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli qed jiġmgħu l-iskart f'postijiet partikulari sabiex jitgħabba aktar tard fl-iscammel. Huwa kkummenta li qed ikun hemm diversi siegħat bejn dawn l-azzjonijiet u għalhekk qed tingħata dehra kerha fit-toroq.

3.2.2. Ittieħdet nota sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntattur konċernat.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/07/18 – 13/08/18
- *Purchase Request Form* – 17/08/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/07/18 – 17/08/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)

4.1.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Perit Carmel Cacopardi li ntalab jagħmel l-analiżi tiegħu dwar il-kompatibiltà tal-proposta mal-*policy* dwar l-iżvilupp tal-art in kwistjoni. Is-seduta ġiet sospiża waqt l-intervent tal-Perit Cacopardo.

4.1.3. Ġie spjegat illi l-proposta li saret mill-iżviluppaturi tinvolvi lukanda ta' 104 sodda bi 52 kamra b'faċilitajiet anċillari li jinkludu ristorant, spa, gynasium, pixxina taħt is-saqaf, 121 *unit* residenzjali, flimkien ma' ħames ħwienet. Fil-livell li jiġi taħt it-triq qed jiġi propost parkeġġ li jista' jakkomoda 198 vettura, li ser ikollu aċċess minn naħa ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

4.1.4. Il-Kunsill osserva li fil-Mappa Nru. 25 mehmuża mal-Pjan Lokali approvat f'Lulju 2006, l-art in kwistjoni hija ndikata bħala żona residenzjali regolata bil-*Policy* NWUS3 fl-istess pjan, fejn huwa stabbilit li:

*"The following is a list of acceptable land-uses (new uses, extensions to existing uses, and change of uses) within all frontages located within the residential areas. The list identifies also those uses that are acceptable in specific RA's only, and thus are excluded from the remaining RAs. .......*

*iii Class 3 (Use Classes Order, 1994) hostels and new hotel beds as extensions to existing operating hotels, provided that these uses are in accordance with all other relevant Local Plan policies.".*

4.1.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jibbaża l-oġġezzjoni tiegħu fuq il-*Policy* NWUS 3 li ma tippermettix il-bini ta' lukandi ġodda fuq is-sit in kwistjoni, iżda

tippermetti biss estenzjonijiet ta' dawk eżistenti. Id-data sa meta jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar hija l-10 ta' Settembru 2018.

**4.2.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)**

4.2.2. Is-Sindku rrefera għal applikazzjoni PC 0046/09 fejn huwa propost li jinbidel l-għoli tal-bini fil-blokka ġdida ppjanata li tiżdied mal-iskema tal-bini fiż-żona msemmija, wara li tneħħew numru ta' qtajja' miż-żona tal-iżvilupp f'Tas-Sellum. Huwa qal li f'rapport datat 18 ta' Lulju 2018, id-Direttorat tal-Ippjanar qed jirrakkomanda li l-applikazzjoni għandha tiġi rrifjutata peress li jeħtieġ isiru aktar studji dwar l-impatti li jista' jkun hemm fuq speċi protetti u siġar antiki, kif ukoll dwar l-ekoloġija tal-madwar. Ir-rapport qiegħed fuq l-aġenda għad-diskussjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018.

4.2.3. Is-Sindku għarraf li fit-8 ta Awwissu 2018, huwa flimkien mal-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ltaqgħu ma' numru ta' residenti miż-żona li qed joġġeżżjonaw għaż-żieda ta' blokka oħra f'Tal-Ibraġ.

4.2.4. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ġew spjegati dettalji tekniċi dwar l-applikazzjoni mill-Perit Carmel Cacopardo. Huwa spjegat li skont il-Pjan Lokali, l-art in kwistjoni diġa iddaħħlet fiż-żona tal-iżvilupp, u l-*Planning Control Application* PC 0046/09 – saret sabiex jiġi stabbilit it-tip ta' żvilupp li għandu jsir.

4.2.5. Meta tkompliet is-seduta l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni r-rappreżentazzjonijiet li diġakienu saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fit-12 ta' Ottubru 2009, fejn inġibdet l-attenzjoni li l-għoli tal-bini tal-blokka l-ġdida m'għandux ikun iktar minn *semi-basement* u żewġ sulari sabiex jitnaqqas l-effett tat-tranżizzjoni mill-ODZ għaż-żona tal-iżvilupp.

4.2.6. Ġie osservat ukoll li l-proposta tinvolvi triq ġdida parallela ma' Triq Mario de Vasì u ssir estensjoni ta' Triq Ġużè Flores. Il-Kunsill qabel illi għandu jibqa' konsistenti mal-pożizzjoni tiegħu dwar l-għoli tal-bini, kif spjegata fl-ittra tat-12 ta Ottubru 2009. Iddeċieda wkoll li għandha ssir oġġezzjoni dwar it-triq il-ġdida sabiex ma titteħidx aktar art milli meħtieġ biex tikkompensa lis-sidien li tteħditilhom l-art f'Tas-Sellum, filwaqt li titnaqqas il-possibiltà li aktar il-quddiem tkompli l-espansjoni taż-żona għall-iżvilupp. Ġie osservat ukoll li l-qtajja' li tneħħew minn Tas-Sellum kienu kollha fuq triq waħda.

**4.3.1. PC 0079/17 – Tibdil fil-linja tal-bini ta' fond fi Triq il-Modd k/m Triq Vincenzo Ciappara (P/5/8/V)**

4.3.2. Ġie spjegat li skont l-pjanti li ttellgħu fis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar il-proposta tinvolvi l-eliminazzjoni ta' ġnien jew bitħa biex jiġi estiż il-bini tal-fond imsemmi. L-Awtorità talbet l-opinjoni tal-Kunsill.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-talba ma taffettwax spażju pubbliku, bħalma kienet oriġinarjament.

**4.4.1. EA00018/16 - Proġett tal-mina bejn Malta u Għawdex (T/3/3/Vol V)**

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Lulju 2018 mibgħut mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorzi fejn il-Kunsill fejn intqal li l-proposta teħtieġ *Environment Impact Assessment* li attwalment qed jitħejjew it-termini ta' referenza tiegħu. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel il-proposti tiegħu f'dan ir-rigward sal-15 ta' Awwissu 2018.

4.4.3. Is-Segretarju qal li minħabba s-seduta ġiet wara d-data msemmija, ingħata tweġiba bbażata fuq il-*feedback* li rċieva l-Kunsill fejn sar aċċenn għall-fatturi segwenti:

- Il-ħsejjes li jiġu ġġenerati;
- L-effett fuq l-ilma tal-pjan; u
- Konservazzjoni ta' art Agrikola.

4.4.4. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rappreżentazzjonijiet li saru.

**4.5.1. PA 6418/18 – Estensjoni tal-Paradise Bay Hotel (P/5/8/C)**

4.5.2. Inġibdet l-attenzjoni għal applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar mill-operatur tal-lukanda msemmija sabiex iżid 120 kamra billi jibni żewġ sulari oħra fuq il-binja eżistenti.

4.5.3. Il-Kunsill innota l-proposta u qabel li għandu jintalab *planning gain* sabiex jitwettaq proġett li tibbenefika l-lokalità.

**4.6.1. Użu ta' kmamar fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' Awwissu 2018 mibgħut mill-Mellieħa Youth fejn talbu l-użu ta' żewġ kmamar fil-Park tal-Familja sabiex jerfgħu affarijiet marbuta mal-attivitajiet tagħhom.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-faċilitajiet fil-Park tal-Familja għandhom jintużaw għal skopijiet sportivi. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mad-direzzjoni tal-Mellieħa Youth.

**4.7.1. Allegat danni kkawżati fuq vettura fit-triq li tagħti għall-moll f'Tal-Prajjet (D/5/Vol II)**

4.7.2. Saret referenza għal talba li mis-sid ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBU 636, sabiex jirkupra spejjeż li saru fuq il-vettura tiegħu meta waqa' ġebel mill-għoli fit-triq imqatta' fil-blat li tagħti għall-moll imsemmi.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li Transport Malta għandha tiġi nfurmata bis-sitwazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk għandhomx jitwaħħlu tabelli tat-twissija, jew jekk għandhiex it-triq tingħalaq għal kollox.

**4.8.1. Allegat danni kkawżati fuq vettura fi Triq il-Wilga (D/5/Vol II)**

4.8.2. Inqara imejl datat 11 ta' April 2018, mibgħut mis-Sur Matthew Borg li allegatament ġarrab ħsara fuq it-*tyre* tal-vettura tiegħu li tammonta għall-€104. Is-Sur Borg naqas li jagħti d-dettalji tal-vetturi tiegħu, kif ukoll ir-rapport tal-Pulizja.

4.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jingħata l-kumpens mitlub minħabba nuqqas ta' provi.

**4.9.1. Mera faċċata ta' garaxx fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XV)**

4.9.2. Saret referenza għal talba minn sidien ta' vetturi li jagħmlu użu minn garaxx komuni li jinsab taħt "Santa Marija Mansions" fi Triq il-Kbira, sabiex titwaħħel mera fuq in-naħa l-oħra tat-triq ħalli turi traffiku li jkun dieħel fil-Mellieħa. Dawn qed jikkontendu li jkollhom joħorġu parti mill-vetturi fit-triq biex jaraw vetturi ġejjin lejhom fil-karreġġjata tan-naħa tal-garaxx.

4.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba jipparkjaw vetturi kbar faċċata tal-garaxx in kwistjoni, il-mera ma tibqax effettiva.

**4.10.1. Permess għall-parkeġġ riżervat fil-Marfa (A/6/3/2/Vol 74)**

4.10.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Awwissu 2018 mibgħut mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki sabiex jirriżervaw il-parkeġġ tal-Marfa u t-toroq fil-madwar nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2018 bejn is-7.00am u t-3.00pm, billi ser ikun hemm attività organizzata mill-istess organizzazzjoni fir-Riviera Resort Hotel.

4.10.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba billi l-attività *per sè* mhux ser issir fl-istess parkeġġ, u għalhekk l-ispażju li jkun hemm għandu jkun disponibbli *on first come first served basis*.

**4.11.1. Manutenzjoni tal-armar tal-festa** **(S/6/Vol VI)**

4.11.2. Saret referenza għal ittra datata 13 ta' Awwissu 2018, mibgħuta mill-Għaqda tal-Armar, fejn appellaw lill-Kunsill jinvolvi ruħu fil-manutenzjoni tal-armar tal-Festa tal-Vitorja.

4.11.3. Il-Kunsill laqa' l-appell li sar u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €500 għal din it-talba.

**4.12.1. Ħruq ta' Logħob tan-Nar minn Proprjetà Amministrata mill-Kurja** **(F/2/Vol II)**

4.12.2. Is-Sindku rrefera għal deċiżjoni riċenti li ttieħdet mill-Arċidjoċesi ta' Malta dwar is-suġġett t'hawn fuq, li affettwat b'mod dirett aspett ewlieni marbut mal-Festa tal-Vitorja. Il-wirja tan-nar minn fuq il-Knisja Arċipretali gradwalment żvolġiet fi tradizzjoni li tattira l-eluf lejn il-Mellieħa. Fil-fatt din hija niċċa li rnexxielha toħloq l-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina li rnexxiet f'kull aspett. Is-Sur J. Buttigieg, kompla jgħid li fid-dawl ta' dan, il-Kunsill huwa moralment obbligat jintervjeni sabiex din id-deċiżjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

4.12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa jaqbel mal-opinjoni espressa mis-Sindku u għaldaqstant wieħed għandu jara d-dokumentazzjoni disponibbli dwar din il-kwistjoni.

4.12.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar sabiex jiġu stabbiliti l-fatti u anke mgħoddija rapport/i u/jew korrispondenza li seta' intbagħtet. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha ssir fit-23 ta' Awwissu 2018.

**4.13.1. Proġett "*Active Aging, Active Citizenship, Active Towns (Act)*"** **(P/10/31)**

4.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li attwalment qed isiru t-tħejjijiet bil-għajnuna tal-MEUSAC bil-għan li ssir applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett imsemmi permezz ta' fondi Ewropej taħt il-programm *Europe for Citizens*. Kompliet tispjega ,li kemm-il darba dan il-proġett jiġi approvat, il-Kunsill tal-Mellieħa ser imexxi l-proġett, filwaqt li l-imsieħba l-oħra ser ikunu l-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem, il-muniċipalijiet ta' Adenau fil-Ġermanja, Suwalki fil-Polonja, Vecpielbalga, Amata u Pargauja flimkien mal-Latvian Association of Local and Regional Government mil-Latvia, Cugir fir-Rumanija, u Casalborgone fl-Italja. Il-proġett huwa stmat li jiswa €115,920.

4.13.3. Il-Kunsill approva l-inizjattiva proposta sabiex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni sad-data tal-għeluq fl-1 ta' Settembru 2018.

**4.14.1. Servizz dwar ġbir ta' skart riċikklabbli** **(K/6/10/Vol III)**

4.14.2. Is-Sindku rrefera għall-ftehim dwar is-servizz imsemmi li jkopri bejn l-1 ta' Frar 2017 u l-31 ta' Jannar 2019. Aċċenna wkoll għal-laqgħa li saret mal-Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd – is-Sur Joe Attard - fl-1 ta' Awwissu 2018, fejn ġie diskuss l-andament tas-servizz li qed jingħata minn Green MT Ltd. Attendew ukoll il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

4.14.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm diversi klawsoli fil-ftehim li mhumiex qed jiġu onorati minn Green MT Ltd. Dawn huma s-segwenti:

| Klawsola | Deskrizzjoni qasira |
|---|---|
| 4. | Ġbir ta' kontenituri tal-ħġieġ minn bars u ristoranti. |
| 5. | Ġbir ta' skart riċikklabbli minn fuq il-Bajja tal-Mellieħa darbtejn kuljum mit-Tnejn sal-Ħamis u tliet darbiet mill-Ġimgħa sal-Ħadd mill-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru. |

| | |
|---|---|
| 6. | Tqassim ta' boroż griżi b'xejn fil-lokalità. |
| 9.(a) | Provista sa massimu ta' 11-il *bring-in sites domes* (erba' kontenituri kull sit) b'kapaċità ta' 2,400 litru matul il-perjodu kollu tal-ftehim. |
| 9.(b) | Tbattil regolari tal-*bring-in sites*, mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa. |
| 10. | Informazzjoni lir-residenti permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni, inkluż żjajar bieb bieb, tqassim ta' fuljetti, eċċ. |
| 13. | Tqassim ta' 35 *vouchers* ta' ħmistax-il Ewro fis-sena lil dawk ir-residenti li tinstabilhom il-borża l-griża wara l-bieb u li tkun qed tintuża b'modd tajjeb. |
| 14. | Ġurnata għall-ġbir ta' skart riċikklabbli bħala *Mellieħa Recycle Day*. |

4.14.4. Kien hemm qbil unanimu li n-nuqqasijiet imsemmija għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-iskema billi dawk kienu fatturi determinanti li wasslu lill-Kunsill jagħżel l-offerta ta' Green MT Ltd. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jikkonsidra serjament li jottjeni s-servizz minn skema oħra.

## 5.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti (5/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186) li* tinvolvi l-Iddisinjar u Stampar ta' Kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*" *f'erba' verżjonijiet differenti;***

***Billi l-unika offerta li saret ġiet evalwata f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont rapport tal-Evaluation Board tat-18 ta' Lulju 2018;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2018, taħt il-voti Nru. 2960;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi għandu jigi ffirmat mal-offerent Salander Group Co. Ltd, billi fl-offerta tagħhom kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".*** **(E/1/3/Vol IV)**

5.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-kopertina tat-tieni edizzjoni għandha tkun differenti u ssuġġeriet li tkun id-dehra tat-Torri l-Aħmar.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti (4/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186) li tinvolvi l-Provista, Konsenja, Installazzjoni, Ittestjar ta' Dwal Ornamentali għal Triq Dun Manwel Grima u Triq ir-Raħħala fil-Manikata;***

***Billi l-unika offerta li saret ġiet evalwata f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont rapport tal-Evaluation Board tat-12 ta' Ġunju 2018;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2018, taħt il-voti Nru. 7220;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi għandu jigi ffirmat mal-offerent Mica Med Ltd, billi fl-offerta tagħhom kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".*** **(E/1/3/Vol IV)**

6.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**7.1. Sejħa għall-Offerti Nru. MLC 7/2018 – Manutenzjoni u Titjib fil-*Playgrounds* ta' Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien tas-Salib, Mellieħa (P/4/22)(P/4/24)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa msemmija għalqet fid-9 ta' Awwissu 2018 u kien hemm sitt offerti, kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Prezz mingħajr il-VAT (€)** |
|---|---|
| JGC Playon Ltd – Option 1 | 43,328.00 |
| JGC Playon Ltd – Option 2 | 49,717.28 |
| JGC Playon Ltd – Option 3 | 43,711.30 |
| Sports Infrastructure Ltd | 100,082.95 |
| Gokker Ltd | 59,716.50 |
| Opal | 45,662.70 |

7.3. Is-Sindku J. Buttigieg iddikjara, li skont kif hemm provdut fl-Artiklu 19 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), huwa għandu parentela ma' wieħed mid-diretturi tal-offerent Gokker Ltd, u għaldaqstant ser ikun qed jastjeni minn kull diskussjoni u deċiżjonijiet li sussegwentement jittieħdu dwar din il-materja.

7.4. Il-Kunsill qabel li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jkun kompost mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini bħala Chairperson (mingħajr vot), u bħala evalwaturi bil-vot: l-Avukat A. Abela, il-Perit D. Cordina, u l-Accountant D. Galea. Il-Kunsillier E. Bartolo jattendi bħala osservatur.

7.5. Is-Segretarju għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-Perit D. Cordina sabiex jagħmel rapport tekniku minn naħa tiegħu.

**8.1. Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)( T/3/3/Vol V)**

8.2. Is-Sindku għarraf li fl-1 ta' Awwissu 2018 saret laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol – l-Onor. E. Bartolo – dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa ġew mgħoddija pjanti tal-proġett kif ukoll ittenniet il-wiegħda li dawn ser jiġu modifikati sabiex jinkludu mina pedonali li tibda mill-parkeġġ propost taħt l-estenzjoni tal-iskola u tintemm fit-tarf t'isfel nett ta' Triq il-Madonna ta' Fatima. Il-Ministru għarraf ukoll li għaddejjin konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex l-inklużżjoni taż-żewġ sulari addizzjonali tal-parkeġġ u l-mina jiġu ffinanzjati permezz tad-*Development Fund* amministrat mill-istess awtorità. Il-proġett mistenni jitwettaq sas-sena 2020.

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Servizz ta' aċċessibilità bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa (P/8/4)**

9.2. Is-Sindku għarraf li wara d-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, huwa flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, l-Onor. A. Agius Decelis, marru fuq il-post indikat sabiex isir *lift* biswit iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. L-Onor. Agius Decelis deher interessat fil-proposta u talab li ssir stima minn perit jew inġinier bil-għan li jkun jista' jintalab finanzjament minn naħa tas-Segretarjat tiegħu

għall-proġett. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa diġa talab lill-Galea Curmi Engineering Consultants sabiex iħejju dan id-dokument.

9.3. Is-Sindku aċċenna wkoll li rrispettivament jekk dan l-inizjattiva timmaterjallizzax jew le, għandu jitqiegħed il-*conduit* għall-provista tal-elettriku tal-*lift* waqt li jkun għaddej ix-xogħol fuq il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni.

9.4. Ittieħdet nota tal-iżviluppi li kien hemm u ġie deċiż li kemm-il darba s-Segretarjat Parlamentari juri l-impenn tiegħu bil-kitba li jiffinanzja dan il-proġett, il-proċess minn naħa tal-Kunsill għandu jkompli billi japplika għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 10.1. Servizz tal-*Cable Car* (P/4/32)

10.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mis-Sur David Spencer mid-ditta Doppelmayr li nteressati jinvestu fi trasportazzjoni urbana fil-Mellieħa permezz tal-*cable car*.

10.3. Bil-għan li jiġu stabbiliti l-prospetti illi dan il-proġett jiġi mplimentat, il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Dan bil-għan li jiġi stabbilit jekk dan il-mezz huwiex konformi mal-politika tal-Gvern f'dan il-qasam.

## 11.1. *Environment Impact Assessment* dwar - PA 2175/18 - Proposta mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura sabiex titwaqqaf żona għall-akwakultura fit-tramuntana tal-Ġżejjer Maltin (T/8)

11.2. Is-Segretarju għarraf li ġie ppubblikat id-dokument imsemmi hawn fuq sabiex l-awtoritajiet konċernati jikkonsidraw rappreżentazzjoni jsiru sat-3 ta' Settembru 2018.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2018 (F/1/1/Vol II)

12.2. Dan is-suġġett ġie mħolli għas-seduta li jmiss, peress li r-rendikont kien għadu ma ġiex konkluż.

## 13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

13.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Awwissu 2018.

13.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

13.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn it-13 ta' Lulju u 13 ta' Awwissu 2018.

13.5. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-21 ta' Lulju u s-17 ta' Awwissu 2018.

13.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-erba' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10.50 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta 11 ta' Settembru 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**